MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 2335/1998/1

**George Galea u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alexandra Zammit (ID Nru 196165(M)), George Galea Jr (ID Nru 499671(M)) u Claudia Gafa (ID Nru 334378(M)) sabiex ikomplu l-kawza minflok l-attur George Galea li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fil-11 ta' Novembru, 1998, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

IIIi l-attur kellu licenzja ta' fixed kiosk fejn kien ibiegh inter alia gelati, soft drinks u affarijiet simili;

Illi l-attur korra u kiser saqajh fl-1987 u minhabba f'dan kien informa lill-Pulizija Esekuttiva li ma kienx ser jarma ghas-sajf tal-1987 pero bl-ebda mod ma rrinunzja ghall-permess relattiv;

Illi in effetti l-attur kien jarma faccata tal-Preluna u kien ilu jarma hekk aktar minn tlett snin;

Illi madanakollu pero nghata l-permess lil certu Tanti Palmier fl-istess post;

Illi minhabba f'dan l-attur inghata post imwarrab fejn ma kellux xoghol;

Illi l-attur ippresenta rikors fit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-lngustizzji fejn, minhabba dan fuq premess, talab li t-tribunal jaghti parir lill-Prim Ministru biex il-lanjanzi lieghu jigu gustament kumpensati u rimedjati;

Illi skond sentenza datata 1 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet George Galea vs Kummissarju tal-Pulizija, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji ddecieda billi laqa' t-talba tal-protestant u filwaqt li ddikjara li saret ingustizzja mal-protestant, irrakkomanda li l-protestant "jinghatalu permess ghal Mobile Kiosk b'licenzja ta' fixed site u dan f'Ghar id-Dud Sliema fl-istess area fejn kien qabel (dan ma jfissirx ezatt l-istess bicca art, izda wahda fl-istess lokalita, u ta' l-istess importanza, u fil-vicinanzi ta' fejn kien qabel u b'mod li jkollu verament fIxed site)."

Illi minhabba din l-ingustizzja li sofra l-protestant huwa sofra danni konsistenti f'telf tal-qliegh.

Illi il-konvenut ghalkemm debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni minnu kkagunati, baqa' inadempjenti;

Talab li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut kif fuq deskritt ikkawza danni lill-attur, konsistenti dawn id-danni f'telf ta' qliegh;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

BI-Ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni fit-termini ta' I-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili in kwantu l-azzjoni hija bazata fuq in-nuqqas ta' tigdid tal-licenzja lill-attur liema fatt gara ferm aktar minn sentejn ilu;
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-licenzja tal-attur biex jiggestixxi kjosk kienet fil-fatt giet revokata fuq ordni tal-Qorti tal-Magistrati f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Galea" deciza minn dik il-Qorti (Magistrat Antonio Mizzi) fit-3 ta' Ottubru 1990 u ma kienitx giet hekk revokata arbitrarjament mill-esponent.
3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tghodd biss ghall-fini ta' I-Att VIII tal-1997 u ma tistax isservi ta' bazi ghal-azzjoni ghad-danni bhal dik odjerna liema azzjoni m' hijiex prevista mill-imsemmi Att;
4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-I ta' Ottubru 1998 citata mill-attur hija ultra vires il-poteri tat-Tribunal u hija nulla u l-esponent diga intavola proceduri (Cit. 695/99 RCP appuntata ghas-smiegh ghall-24 ta' Gunju 1999) kontra l-attur fejn qieghed jitlob l-annullament ta' l-imsemmija decizjoni;
5. Illi l-azzjoni attrici hija karenti minn fondament guridiku stante Ii l-esponent ma wettaq ebda fatt illecitu fil-konfront tal-attur u ma jirrispondix ghal-danni allegati;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi migjuba, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Gunju 2004 fejn laqghat it-talba tal-attur maghmula permezz ta' rikors datat 19 ta' April, 2004 u ordnat illi l-atti u l-inkartament kollu tal-kawza fl-ismijiet George Galea vs Kummissarju tal-Pulizija li instema quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jigu allacjati ma dan il-process sabiex iservu bhala provi f'dawn l-istess proceduri.

Rat l-affidavit ta' l-attur illi permezz tieghu xehed illi huwa kien beda proceduri quddiem it-Tribunal ta' Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji peress li kien qieghed isostni illi l-licenzja tieghu sabiex jaghmilha ta' fixed hawker fl-akwati ta' Ghar id-Dud Sliema kienet giet mehuda minnu b'mod abbuziv. Huwa xehed illi quddiem it-Tribunal ressaq il-provi tieghu, it-Tribunal tah ragun u bhala rimedju t-Tribunal qal illi kellu jerga jinghata lura il-licenzja tieghu. L-attur kompla jixhed illi ghadda z-zmien izda baqa fejn kien u ghalhekk beda jippressa l-Awtoritajiet permezz ta' ittri legali. Fl-ahhar il-Kummissarju tal-Pulizija issuggerielu biex jerga japplika quddiem l-Awtorita ta' l-Ippjanar u jehmez mal-applikazzjoni tieghu id-decizjoni tat-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, izda skond l-attur, l-Awtorita ghogobha tinjora ghal kollox id-decizjoni tat-Tribunal u cahditlu it-talba tieghu darbtejn, it-tieni darba mill-Bord ta' l-Appell tal-Ippjanar. Huwa appella din id-decizjoni anke quddiem il-Qorti ta' l-Appell, izda ghal darba ohra it-talba tieghu regghet giet michuda u ghalhekk peress illi baqa ma hax ir-rimedju rakkomandat

mit-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, huwa fetah il-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur permezz ta’ nota tat-12 ta’ Novembru 2004 qieghed jippretendi illi d-danni illi huwa sofra jammontaw ghal hamsa u erbghin elf lira Maltin (LM45,000); liema somma hija ekwivalenti ghal mija u erbat elef tmien mija wiehed u ghoxrin euro u tmenin centezmu (€104,821.80). Skond l-attur, id-danni li qieghed jippretendi ghandhom jigu ikkalkolati fuq qliegh medju ta’ tlett elef lira Maltin fis-sens, ekwivalenti ghal sitt elef disa mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (€6,988.12) u din is-somma multiplikata bi hmistax, peress illi l-attur jissottometti illi ilu ma jopera ghal dawn l-ahhar hmistax il-sena, tammonta ghal mija u erbat elef tmien mija u wiehed u ghoxrin euro u tmenin centezmu (€104,821.80).

Ikkunsidrat :

Illi xehed is-Supretendent Carmelo Magro u ikkonferma illi fil-5 ta’ Settembru 1988 kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tas-Sliema. Huwa sar jaf bil-kaz odjern f’Marzu 1990 meta sar Spettur u dak iz-zmien kien ukoll prosekutur fis-seduta tad-distrett ta’ Tas-Sliema. Ix-xhud kompla jghid illi l-attur kien gie akkuzat li naqas li ihallas il-licenzji relattivi ghall-kiosk illi kellu f’Ghar id-Dud, Sliema. Huwa xehed illi qabel ma hadu dawn il-passi kriminali kontra l-attur, l-attur kien iddikjara mal-pulizija illi ma kienx qieghed ihallas il-licenzja peress illi ma kienx qieghed jarma. Kien irrizulta illi huwa kien hallas il-licenzja regolarment sal-1988, izda irrifjuta li jhallas il-licenzja ghal 1989 peress illi kien qieghed isostni li ma kienx qieghed jarma. Is-Supretendent Magro xehed illi irrizultalu illi l-attur kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati f’April 1990 talli ma kienx hallas il-licenzja u qal illi huwa kien ufficjal prosekutur u kien prezenti meta inghatat is-sentenza kontra George Galea. Ix-xhud esebixxa is-sentenza relattiva u permezz ta’ din is-sentenza datata 30 ta’ Ottubru 1990 kienet giet revokata il-licenzja tal-hanut ta’ l-attur. Is-Supretendent Magro xehed illi sa Novembru

1990 l-attur ma kienx qieghed jarma fil-post tieghu Ghar id-Dud.

Illi xehed ukoll Martin Tanti Parmier u qal illi huwa u il-familja tieghu kienu ilhom jarmaw il-kiosk taghhom Ghar id-Dud f'tas-Sliema ghal madwar sittin sena, ferm qabel ma beda jarma hemmhekk l-attur. Ix-xhud qal illi darba minnhom kienu xeghelu l-istazzjon Studio Master fi zmien il-Gvern Laburista u l-Gvern ta' dik il-gurnata kien waqqaflu il-permess. Huma baqghu japplikaw u fil-frattemp inghata il-permess lill-attur. Sussegwentement kien hemm bidla fil-Gvern, telgha il-Gvern Nazzjonalista, il-familja ta' Tanti Palmier regghu applikaw u rega' hargilhom il-permess biex jarmaw il-kiosk ezattament fejn kienu qabel u il-kiosk tas-Sur Galea tressaq ftit fin-nofs. Huwa xehed illi dan kien ghall-habta ta' l-1987 meta l-permess rega' inghata lil ta' Tanti Palmier u il-permess ta' l-attur ma giex revokat, izda tressaq aktar 'il fuq minn fejn kien qabel. Ix-xhud qal illi huma kienu ilhom japplikaw ghall-permess sa minn dakinhar stess illi il-Gvern kien irrevokalhom il-permess taghhom, izda il-permess ma inghatalhomx u ghamlu xi erba' snin weqfin. Meta umbaghad inghatalhom il-permess, wara ftit taz-zmien l-attur ma baqghax jiftah il-kiosk tieghu, izda beda jikrih lil haddiehor u effettivament kien krih lil xi tnejn, jew tlieta minn nies. Is-Sur Tanti Palmier xehed illi l-attur dam jiftah il-kiosk tieghu, ghal madwar sentejn, sentejn u nofs, umbaghad ma fetahx iktar. Is-Sur Tanti Palmier ikkonferma li l-kiosk fejn qieghed jarma hu huwa fl-istess post fejn qabel kien jarma l-attur u fejn qabel ma kien inghata l-permess lill-attur kienu jarmaw huma stess, jigifieri il-familja Tanti Palmier, qabel ma il-Gvern kien irrevokalhom il-permess.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat is-sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji datata l-1 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet George Galea kontra Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi f'din is-sentenza hemm riferenza ghax-xiehda illi kien ta il-Kummisarju tal-Pulizija George Grech illi kien xehed illi l-attur odjern kien irrifjuta illi jhallas il-licenzja ghas-sena 1989. Konsegwentement kien tressaq il-Qorti u fuq talba tieghu stess il-licenzja kienet giet revokata mill-Qorti.

Illi irrizulta wkoll illi l-attur kien irrifjuta illi jhallas l-arretrati u illi kien talab hu stess lill-Qorti sabiex tirrevokalu u tikkancellalu il-licenzja illi kellu ghall-kiosk f'Ghar id-Dud f'Tas-Sliema. Effettivament il-Kummissarju tal-Pulizija kien irrefera ghall-ittra illi kien kiteb l-Avukat Michael Sciriha fil-15 ta' Frar, 1996 ghan- nom ta' l-attur odjern fejn qal li l-attur odjern kien jopera gabbana mis-snin sebghin, izda minhabba ragunijiet u problemi medici li kellu fil-familja huwa kellu temporanjament jieqaf mill-operazzjoni ta' din il-gabbana. In vista tal-fatt illi c-cirkostanzi inbiddlu, kif ukoll peress illi wara numru ta' operazzjonijiet l-attur odjern kien rega' ha sahhtu l-attur odjern kien talab, permezz ta' din l-ittra ta' l-Avukat Michael Sciriha, sabiex terga tinghatalu il-licenzja sabiex jerga jibda jopera l-gabbana illi kellu. Il-Kummissarju George Grech kien xehed ukoll, dejjem quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, illi l-attur odjern ma kienx rama ghas-sajf tal-1989 ghaliex kien wegga' saqajh u kien ghamilha cara permezz ta' ittra li ma kienx ser jarma ghal dak is-sajf biss minhabba sahtu u bl-ebda mod ma ifisser illi kien qieghed jirrinunzja ghall-permess li kellu. L-attur kien informa lill-pulizija li s-sena ta' wara, jigifieri fl-1990, kien ser jerga jarma regolarment.

Ikkunsidrat :

Illi it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kien tal-fehma illi meta regghet inghatat il-licenzja lil Joseph Tanti Palmier fl-1987 il-pulizija, minflok ma sabet soluzzjoni billi gew decizi il-postijiet fejn ghandhom joqghodu il-kiosks bdiet iccaqlaq il-kiosk ta' l-attur ftit 'l hawn u 'l hemm. Dana wassal ghal telf ta' negozju u dwejjaq lill-attur li meta wegga saqajh spicca biex rinfaccjat b'dawn ic-cirkostanzi kollha irrinunzja. It-Tribunal wasal ghal decizjoni illi stante illi irrizultat ingustizzja mar-rikorrenti, l-attur f'dawn il-proceduri, "irid jinstab rimedju li fih innifsu

ma jikkawzax ingustizzja ohra, izda li tinstab soluzzjoni ghal dejjem.  Certament li dawk il-kjoskijiet fil-prezent ghandhom lokalita stabbilita mhux ser jiehdu gost li jinghata post ukoll lir-rikorrent, izda dan hu dak li titlob il-gustizzja.  Ghalhekk it-Tribunal wara li sab l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghatalu permess ghal Mobile Kiosk b'licenzja ta' fixed site u dana f'Ghar id-Dud Sliema fl-istess area fejn kien qabel (dan ma jfissirx ezatt l-istess bicca art, izda wahda fl-istess lokalita, u ta' l-istess importanza, u fil-vicinanzi ta' fejn kien qabel u b'mod li jkollu verament fixed site).  Spejjez kontra l-intimat."

Ikkunsidrat :

Illi fil-mori ta' din il-kawza l-attur miet u b'hekk saret talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju illi giet milqugha mill-Qorti permess ta' digriet tal-5 ta' Novembru 2008 sabiex b'hekk il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alexandra Zammit, George Galea u Claudia Gafa.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-agir tal-konvenut ikkawza danni lill-attur konsistenti f'telf ta' qligh u ghalhekk qed jitlob konsegwentement illi l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Illi l-konvenut ta bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-azzjoni hija ibbazata fuq in-nuqqas ta' tigdid ta' licenzja lill-attur liema fatt gara ferm aktar minn sentejn ilu.

Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tezamina din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Illi l-Qorti ikkunsidrat illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili irid jipprova l-perkors taz-zmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika ghall-fatti in kawza

(vide sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar, 2000 fl-ismijiet “Jeremy Holland nomine vs Joseph Chetcuti). Il-fatti jridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setghu ngiebu u ma baqghu ma tressqux.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu spjega ghalfejn skond hu il-Qorti ghandha tilqa din l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni li skond il-konvenut bdiet tiddekorri mit-30 ta’ Ottubru 1990 meta giet revokata il-licenzja tal-kiosk illi kellu l-attur, wara li inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati li iggib l-istess data.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu stess, liema affidavit jinsab fil-process tas-sentenza moghtija mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ammetta illi ittiehidlu il-permess wara l-1989, meta hu ma kienx hallas il-permess ghal dik is-sena. Iben l-istess attur George ukoll xehed illi wara li missieru kien kiser saqajh missieru qatt ma rega talab sabiex jarma u jopera il-kiosk.

Illi ghalhekk irrizulta mix-xhieda tal-attur stess u ta’ ibnu George illi l-istess attur kien inghata post imwarrab fejn skond l-attur ma kellux qligh bizzejjed u illi dan gara fl-1987 meta tela l-Gvern Nazzjonalista.

Izda l-attur fic-citazzjoni qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu proprjament fuq din l-ingustizzja li hu jghid illi sofra meta inghata post imwarrab fejn ma kellux bizzejjed xoghol.

Illi l-konvenut jikkontendi illi se mai t-terminu ghandu ibda jiddekorri mit-30 ta’ Ottubru 1989, id-data meta inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza kienet sabet lill-attur hati talli naqas li jgedded il-licenzja ghal kiosk ghas-sena 1989 u zamm il-kiosk miftuh minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti tal-Magistrati dakinhar ukoll kienet ordnat fis-sentenza taghha ir-revoka tal-licenzja ta’ l-istess kiosk.

Ikkunsidrat :

Illi ghalhekk jirrizulta illi id-danni illi sofra l-attur bdew jiddekorru mis-sena 1987 u dana peress illi hu stess xehed illi dik kienet id-data meta huwa kien inghata post imwarrab fejn jarma il-gabbana tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tirrileva illi fic-citazzjoni, l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegat agir ingust tal-konvenut li tah post imwarrab fejn jarma l-kiosk tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tiehu bhala perjodu ta' dekadenza a fini ta' preskrizzjoni id-data meta l-attur allegatament inghata post imwarrab fejn ma kellux xoghol bizzejjed u per konsegwenza huwa ma baqghax jarma u sofra telf ta' qligh.

Illi huwa principju maghruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni ghad-dritt ghal rizarciment tad-danni minhabba fatt illecitu jibda jiddekorri mill-mument illi fih l-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghrufa.

Illi l-artikolu 2137 tal-Kap 16 jghid hekk :
"Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

Illi l-attur jghid illi dan il-mument kien meta inghata post imwarrab fis-sena 1987, u ghalkemm fic-citazzjoni l-attur jghid li kien interpella lill-konvenut huwa ma ressaq l-ebda prova illi turi li effettivament huwa kien b'xi mod interrompa il-perjodu ta' preskrizzjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi kien fis-sena 1987 illi twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina (vide Laurent "Principii di diritto Civile", Vol. XXX11 para 16).

Illi l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16, kif diga inghad, jghid illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri fil-mument illi fih l-azzjoni

tista tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

Illi l-Qorti rat ukoll ghal din il-fini sentenzi ohrajn, (kollezzjoni Vol. XXV111. P 1 726; Vol. XX1X P11 p 103; Vol XXXV1 P11 p 509 u Vol. XXXV11 P1 p 622.)

Illi l-Qorti rat ukoll illi fir-rigward ta' kull terminu ta' preskrizzjoni, iz-zmien jibda jghaddi bhala principju minn dakinhar meta issir il-hsara lid-danneggjat. Id-data li taghti bidu ghat-terminu ta' preskrizzjoni hija ghalhekk determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mid-data meta ssehh l-allegata hsara. (Vide sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Gunju 1990 Scicluna vs Tracy Vol. XV11 P1 151.)

Illi dan it-terminu jista jigi sospiz biss f'kaz li jkun hemm impediment ta' dritt u mhux wiehed ta' fatt.

Illi l-attur ma kellu l-ebda impediment legali sabiex jikkawtela l-interessi tieghu u ghalhekk ma kellu l-ebda ostakolu legali sabiex ikun jista' jezercita l-azzjoni tieghu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tiddikjara illi l-azzjoni tal-attur hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u konsegwentement il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------